# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017**

**Saviour u Antida konjuġi Vella**

**v.**

**Therese sive Marthese Ebejer**

**Numru 28**

**Rikors numru 519/11 JA**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Jannar 2016, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta’ Mejju 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

“Illi huma proprjetarji tal-fond 20, Triq Antonio Agius, Floriana u dan skond kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Victor Bisazza fis-26 ta’ Frar 1988, (Dok ‘A’);

“Illi meta huma akkwistaw il-fond imsemmi dan kien mikri lil Giorgia Debattista li kienet tgħix fil-fond waħedha u li mietet f’Awissu 2010;

“Illi wara l-mewt ta’ Giorgia Debattista l-atturi talbu lill-eredi tagħha sabiex jiżvojtaw il-fond mill-mobbli tagħha u jirritornaw iċ-ċwievet tal-fond lilhom;

“Illi minkejja dan l-eredi naqsu milli jirritornaw iċ-ċwievet tal-fond u l-atturi saru jafu li l-fond qiegħed jiġi miżmum u okkupat mill-konvenuta Therese *sive* Marthese Ebejer;

“Illi tali żamma u okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni hija waħda abbużiva u illegali billi l-istess Therese *sive* Marthese Ebejer ma għandha l-ebda titolu fuq il-fond;

“Illi minkejja interpellazzjoni permezz ta’ ittra uffiċjali ppreżentata fil-10 ta’ Marzu 2011 kontra l-konvenuta sabiex hija tivvaka l-fond in kwistjoni, hija baqgħet inadempjenti;

“Illi sa fejn jafu l-atturi, l-konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni x’tagħti kontra t-talba;

“Għaldaqstant tgħid il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1. “Bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża fit-termini tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tiddikjara li l-konvenuta qedgħa tokkupa l-fond numru 20, Triq Antonio Agius, Floriana b’mod abbużiv u illegali u mingħajr titolu validu;

2. “Tordna lill-konvenuta tiżgombra mill-fond in kwistjoni fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif jidhrilha xieraq u opportun.

“Bl-inżunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni. B’riżerva għad-dritt tal-atturi li jipproċedu b’azzjoni għad-danni kkaġunati lilhom u l-ħlas ta’ kumpens għal okkupazzjoni illegali tal-fond in kwistjoni. Bl-ispejjeż tal-proċeduri u tal-ittra uffiċjali datata 10 ta’ Marzu 2011.

“Il-konvenut huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat id-digriet tad-29 ta' Frar 2012 fejn il-konvenuta ġiet awtorizzata tikkontesta l-kawża.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Therese *sive* Marthese Ebejer ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2012, li permezz tagħha eċċepiet:

"Illi *in linea* preliminari din il-Qorti m'għandhiex kompetenza biex tisma' din il-kawża *stante* li din il-kawża kellha tigi intavolata quddiem il-Bord li Jirregola l-kera li għandu kompetenza esklussiva li jisma' u jiddeċiedi kawżi b'dan il-mertu;

"Illi Therese *sive* Marthese Ebejer għandha, *ai termini* tal-artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili dritt li tkompli l-kirja wara l-mewt ta' ommha Georgia Debattista bl-istess kundizzjonijiet tal-kirja ta' Georgia Debattista, u dana *stante* li hija l-wild naturali ta' Georgia Debattista u ilha toqgħod ma' Georgia Debattista mill-2001 u baqgħet tgħix ma' Georgia Debattista sa ma mietet l-istess Georgia Debattista fit-3 ta' Awissu 2010, u l-esponenti għadha tgħix fil-fond *de quo* sallum u be ħsiebha tgħix hemmhekk sakemm tibqa' ħajja;

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Semgħet il-provi;

"Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

"Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara illi l-Avukati trattaw ulterjorment;

"Ikkunsidrat;

"Illi kif jidher mir-rikors promotur, l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond imsemmi fl-istess rikors; il-konvenuta qed teċċepixxi illi għandha titolu ta' lokazzjoni skond il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u allura din il-Qorti ma għandhiex kompetenza tisma' l-kawża. Il-konvenuta qed tivvanta titolu ta' lokazzjoni skond l-artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili.

"Illi huwa evidenti wkoll li l-kawża odjerna trid tiġi deċiża prinċipalment fuq kwistjoni ta' fatt (salv punt importanti li se jiġi msemmi aktar 'il quddiem) u allura l-eżitu tagħha jiddependi fuq liema mill-verżjonijiet li ressqu l-partijiet hija l-aktar kredibbli.

"Illi l-attriċi Vella tgħid fl-affidavit tagħha illi:

> "*Jiena flimkien ma' żewġi proprjetarji tal-fond numru 20, Triq Antonio Aguis, il-Furjana. Dan il-fond nafuh sew għaliex ommi tgħix fil-flat ta' fuqu. Jiena twelidt f'dan il-flat ta' ommi u għalkemm ħriġt minn hemm*

*meta żżewwiġt, u ċjoe' fis-6 ta' Awissu 1981, jien sa anqas minn disa' xhur ilu kont għadni immur għand ommi ta' spiss u mhux anqas minn darbtejn jew tlieta fil-Ġimgħa. Illum ommi qiedgħa f'dar tal-anzjani u ilha nieqsa mid-dar anqas minn disa' xhur għalhekk naqqast li mmur fit-flat ta' ommi.*

"*Fis-sena 1987 iltqajt ma' Giorgia, u ċjoe' omm Marthese. Iltqajna id-dar tagħha u hekk kif konna qegħdin nitkellmu fuq oħtha Emanwela Debattista li kienet marret l-Awstralja, Giorgia wrietni x-xewqa li ma riditx tibqa' f'dan it-terran. Is-sid ta' dan il-fond huwa l-istess bħal dak tal-appartament ta' ommi u l-prokuratur ta' dan il-fond kien ta' spiss jistaqsina jekk aħniex interessati nixtru. B'hekk billi kont naf li s-sid ried ibiegħ jiena staqsejt lil Giorgia jekk nistax nixtri l-appartament tagħha jien; u Giorgia qaltli li għaliha ma kinitx tagħmel ebda differenza għax flok li tħallas lill-prokuratur tas-sidien ta' dak iż-żmien kienet tibda tħallas lili. Pero' xtaqet issaqsi lil uliedha jekk huma kienux interessati li jixtruh huma stess. Wara xi ftit ġranet daqs ġimagħtejn, jien kont staqsejtha jekk kinitx staqsiethom lil uliedha, u Giorgia kienet qaltli fid-dar tagħha u bi kliemha stess li uliedha ma kienux interessati u ma sabu ebda oġġezzjoni li nixtrih jien.*

"*Kien għalhekk li jiena u żewġi għamilna kuntatt mal-prokuratur tas-sid ta' dak iż-żmien u wara li ftehemna fuq il-prezz konna ersaqna quddiem in-Nutar Dr Victor John Bisazza li kien għamel il-kuntratt. Minn meta akkwistajna d-dar. u ċjoe' mis-sena 1988 sas-sena 2010 dejjem tħallasna l-kera ta' €107 (Lm46), minn Giorgia stess billi kienet tħalli l-flus għand ommi u jiena jew żewġi konna mmorru għandha u natuha l-irċevuta fuq il-ktieb tal-kera. Giorgia mietet fl-Awissu 2010 u minn dakinhar jiena ma aċċettajtx kera mingħand ħadd għaliex jiena qatt ma tajt permess lil ħadd sabiex jgħix fil-fond u naf li id-dar kienet ir-residenza ta' Giorgia biss.*

"*Lil Marthese kont naraha għand ommha iżda din kienet tinżel biss sabiex tara jekk għandhiex bżonn xi ħaġa ommha. Jien naf li kienet tinżel tgħin lil ommha għaliex darba meta ltqajt magħha ħdejn il-bieb tad-dar ta' ommha u dan fis-sena 2005 kienet qaltli hi stess, li tiġi tara jekk ommha għandhiex bżonn xi ħaġa. Tant kien hekk li darb'oħra jiena offrejtilha li nwassalha d-dar tagħha f'Ħal Qormi. Dan kien fil-2005 u jiena kont wassaltha d-dar tagħha.*

"*Kien hemm ukoll okkażjoni oħra meta Marthese stess reġgħet tenniet quddiemi li d-dar kienet ir-residenza ta' ommha biss u dan meta kienu ġew żewġ rappreżentanti tal-Gvern sabiex jagħmlu survey tal-fond. Kienet ħarġet skema mill-Kunsill Lokali tal-Furjana sabiex il-proprjeta' tiġi reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet u aħna konna applikajna sabiex nagħmlu dan. Meta żewġ rappreżentanti tal-gvern ġew fid-dar jiena kont preżenti u kien hemm Giorgia u Marthese. Hekk kif lestew il-pjanta huma staqsew min huma l-proprjetarji tal-post u jien weġibt Saviour u Antida Vella. Imbagħad staqsew jekk noqogħdux fil-post u Marthese kienet pronta u qaltlu li Giorgia Debattista kienet tgħix fit-post. L-aċċess sar fl-4 ta Settembru 2007.*

"*Il-kera dejjem ħallsitha Giorgia iżda peress li smajt li Marthese kellha l-inkwiet ma' żewġha jiena bdejt niċċekkja r-reġistru elettorali. Fir-reġistru tas-sena 2007 sibt li l-karta tal-identita ta' Marthese kienet*

*għadha fuq id-dar ta' Ħal Qormi u sar-reġistru elettorali li ħareġ f'Ottubru 2007 din kienet għadha qiegħda tidher imniżżla fuq Ħal Qormi. Iżda fir-reġistru elettorali ta' April 2008 Marthese bdiet tidher bħala li residenti fid-dar tagħna. Għalhekk jiena kont bgħatt ittra lil Giorgia sabiex ngħidilha li ma kontx qiegħda naċċetta din is-sitwazzjoni.*

"*Giorgia mietet f'Awissu 2010 u f'Novembu 2010 Marthese ġiet bil-kera u jien ma aċċetajthiex. Staqsejtha għalfejn kienet qiegħda tippretendi li tieħu l-post tiegħi u għalfejn kienet qiegħda tgħamilli hekk, u dan bħala ħabiba u qaltli li għaliha ma kienet qed tagħmel xejn ħażin. Jien fakkartha wkoll li ommha kienet staqsiethom jekk kienx hemm xi ħadd minn uliedha interessati fil-post. Hi weġbitni li l-affarijiet inbidlu. Staqsejtha wkoll jekk tridx intiha xi żmien biex tkun tista' ssib post ieħor u niffrankaw li nidħlu il-Qorti u hi weġbitni li hi diġa' qiedgħa l-Qorti u ma jinteressahiex. Qabel ma ddeċidejna jiena u żewġi li nipproċedu għall-iżgumbrament ta' Marthese mill-fond tagħna, aħna wkoll ivverifikajna il-proċess ta' separazzjoni personali li hija għandha fil-konfront ta' żewġha. Dan iġib l-isem ta' "Theresa sive Marthese Ebejer vs Paul Ebejer" u fl-istess proċess sibna x-xhieda tagħha fejn hija stess taħt ġurament iddikjarat li kienet tinżel għand ommha matul il-ġurnata u kienet tmur lura d-dar f'Ħal Qormi, u li hija marret tirrisjedi ma' ommha biss viċin il-proċeduri għal separazzjoni. Anke d-dokumenti hemm preżentati dwar dettalji fejn hija kienet tirċievi dokumenti mill-bank, hija kienet indikata dejjem fuq l-indirizz ta' Ħal Qormi ħlief mis-sena 2008 'l hawn meta kienet indikata fuq l-indirizz tal-Furjana. Il-proċeduri ta' separazzjoni personali nbdew f'Mejju 2008."*

"Illi l-**konvenuta** fl-affidavit tagħha tgħid illi:

"*Irrid ngħid illi qabel is-sena elfejn u wieħed (2001) ommi, li kellha l-eta' ta' 81 sena, diġa' kellha bżonn ħafna għajnuna u attenzjoni minħabba li kienet qed tbagħti bid-dimensia, minn nuqqas ta' smigħ u problemi tal-qalb.*

"*F'dan iż-żmien ta' qabel l-elfejn u wieħed (2001) jiena kont diġa' qiegħda ninżel norqod ma' ommi Giorgia Debattista ġewwa l-fond ta' 20, Antonio Agius Street, Floriana bi ftehim ma' ħuti l-oħra (li huma Doris Asciak (li tgħix l-ingilterra), Manuel Debattista, Miriam Mifsud, Joseph Debattista u Raymond Debattista) li konna ddeċidejna li ħuti jibdew imorru jorqdu lejl wieħed biss fil-Ġimgħa m'ommi peress li ħuti kollha bil-familja, filwaqt li l-kumplament tal-ġranet kont norqod jien magħha. Jien ma kellix problema nibqa' tul ta' ġranet magħha għaliex jien bla tfal.*

"*Illi s-sinjuri konjuġi Vella ddikjaraw fir-rikors ġuramentat tagħhom illi sa fejn jafu huma jien m'għandi l-ebda raġuni valida għaliex inkompli nirrisjedi fil-fond ġewwa l-Floriana u għalhekk talbu l-iżgumbrament tiegħi. Antida Vella tispjega fl-affidavit tagħha "Qabel ma ddeċidejna jiena u żewġi li nipproċedu għall-iżgumbrament ta' Marthese mill-fond tagħna, aħna wkoll ivverifikajna l-proċess ta' separazzjoni personali li hija għandha fil-konfront ta' żewġha. Dan iġib l-isem ta' "Therese sive Marthese Ebejer vs Paul Ebejer" u fl-istess proċess sibna x-xhieda*

*tagħha fejn hija stess taħt ġurament iddikjarat li kienet tinżel għand ommha matul il-ġurnata u kienet tmur lura d-dar f' Ħal Qormi, u li hija marret tirrisjedi ma' ommha biss viċin il-proċeduri għal separazzjoni." (emfażi miżjuda)*

"*Bir-rispett kollu nażżarda ngħid illi s-sinjura Vella mhu qiegħda tkun xejn korretta la fir-rikors ġuramentat li fetħet flimkien ma' żewġha u bil-wisq iktar fix-xhieda tagħha, u dan nista' ngħidu għaliex dak li qalet mhux il-verita'. Jiena m'għandix għalfejn nigdeb fuq kif ġraw il-fatti fir-realtá u l-fatti personali tiegħi nafhom pjuttost sewwa. Nibda biex nispjega aħjar il-kuntrarju ta' dak li għadni kif ikkwotajt mix-xhieda ta' Antida Vella billi nirreferi għall-affidavit tiegħi li jien kont għamilt fil-kawża ta' separazzjoni fil-konfronti ta' żewgi datat 22 t'April 2008 u meħud fuq ġurament fil-5 ta' Mejju 2008 (Dok 'A'), u ċjoe':*

"*Il-kawża ta' separazzjoni jiena ftaħtha appuntu nhar it-13 ta' Mejju tas-sena 2008; (Dok 'B')*

"*F'paragrafu 18 tal-affidavit tiegħi jien spjegajt 'Konna mmorru spiss t-tiġien flimkien u daqqa konna noħorġu. Pero' ġie mument, daqs tmien snin ilu,fejn kien qalli: isma' int agħmel li trid, u jien nagħmel li rrid. Bqajna għaddejjin b'dik il-ħajja sa ma imbagħad ommi marret lura f'saħħitha u daqs erba' snin ilu bdejt immur norqod mal-mummy. Id-dar bqajt nieħu ħsiebha, imma iktar kont għand ommi milli d-dar. Hu kien jgħidli m'għandix bżonnok. Riċentement huwa sakkarli l-aċċess għall-kmamar tad-dar';*

"*Nispjega għalhekk kif mhux minnu illi s-sinjura Antida Vella u żewġha kif qed jgħidu huma għamlu l-verifiki sewwa qabel ipproċedew għall-iżgumbrament tiegħi mill-fond mertu tal-kawża. Jiena qatt ma għidt dak il-kliem preċiż illi kont ninżel għand ommi matul il-ġurnata u mmur lura d-dar Ħal Qormi, iżda spjegajt biss dak li għidt fl-affidavit tiegħi. Kont ilni mmur u norqod għand ommi eżattament proprju daqs tmien snin qabel bdejt il-kawża tas-separazzjoni għaliex apparti li ommi kien jeħtieġilha ħafna attenzjoni li jien biss minn ħuti kollha stajt noffrilha, jien kont għaddejja kif anka xhedt fl-affidavit tiegħi, minn turbolenza fil-ħajja miżżewġa tiegħi u ġialadarba żewġi ried jgħix ħajja separata minni jien iktar kont libera li nitfa' l-attenzjoni fuq ommi.*

"*Mhux vera li jien mort nirrisjedi ma' ommi viċin il-proċeduri ta' separazzjoni. Minn imkien ma joħroġ mid-dokumentazzjoni tal-affidavit tiegħi u jew tal-proċess ta' separazzjoni. Fil-fatt nistqarr ukoll illi lanqas kien hemm kontestazzjoni fuq l-abbandun tiegħi mid-dar matrimonjali. Żewġi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu paġna 17 paragrafu 46 jissottometti 'Taħt dan il-profil ma huwiex kontestat li l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali għal aktar minn tmien snin ilu għaliex dan jinsab ammess mill-istess attriċi u saħansitra kkonfermat kemm mil-konvenut u kif ukoll miż-żewġ ġirien tal-partijiet kontendenti Nazzareno u Mary Louise Micallef fil-kors tal-affidavits tagħhom'.*

"*Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' żewġi stess paġna 17 paragrafu 47 hemm sottomess: 'Tassew ma kienx il-konvenut li spinġa lill-attriċi biex tħalli d-dar matrimonjali, anzi kienet l-attriċi stess li minn rajha wara li kienet għamlet karriera twila li kważi ta' kuljum tmur għand ommha,*

*iddeċidiet darba fost l-oħrajn li ma terġax tagħmel ritorn lejn id-dar matrimonjali'.*

"*Illi anke matul il-proċeduri ta' separazzjoni komplejt ngħix ma' ommi kif ikkonferma wkoll żewġi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu meta ndika f'paġna 23 paragrafu v - 'Magħdud ma' dan jekk kemm-il darba sejra tinbiegħ id-dar taż-żwieġ il-konvenut mhuwiex ser ikollu aktar post fejn joqgħod u ser jispiċċa piż qawwi fuq l-erarju pubbliku li diġa' jinsab f'pożizzjoni mprekattiva ħafna dwar l-akkomodazzjoni soċjali. Għal kuntrarju l-attriċi m'għandhiex din l-istess problema għaliex diġa' fil-preżent qiegħda tabita fid-dar li qabel kienet tappartjeni lil ommha;*

"*Nagħmel ukoll referenza għas-sentenza tal-kawża ta' separazzjoni tiegħi fejn proprju ġie meħud in konsiderazzjoni l-abbandun tiegħi mid-dar matrimonjali f'paġna 5 it-tielet paragrafu 'illi rigward l-abbandun da parti tal-attriċi, il-Qorti tosserva li l-attriċi ex admissis tgħid li fis-sena 2004 hi kienet tmur torqod għand ommha u eventwalment biex tqatta' iżjed ħin għandha milli d-dar fejn kienet tmur biss biex 'nieħu ħsieb id-dar', (Dok 'C').*

"*B'dan kollu joħroġ biċ-ċar minn qiegħed jgħid il-verita' f'din il-kawża u għalfejn jien kelli pjuttost raġuni valida għalfejn nagħmel l-eċċezzjonijiet tiegħi f'dina l-kawża għall-iżgumbrament tiegħi.*

"*Matul il-perjodu li bdejt ngħix ma' ommi sabiex inkun nista' nkun aktar fil-qrib tagħha għal kull għajnuna li setgħet kienet teħtieġ, nista' niddeskrivi l-ġranet tiegħi bħala pjuttost qosra għax tant kien jirrikjedi xogħol ma' ommi li lanqas kont nista' noħroġ nixtri. Fil-fatt kienet tixtrili Ġuża stess, il-mara ta' wieħed minn ħuti. Jien ma kontx noħroġ għaliex ma kontx nafdaha waħedha minħabba l-kundizzjoni tagħha. Niftakar kont anke tkellimt mat-tabib Jean Pierre Farrugia li kien it-tabib tagħha dwar ommi fuq kemm kienet bdiet tinsa u rrakkomandali l-pilloli tad-dimensia bl-isem "AXURA" biex ma tmurx iktar għal-agħar.*

"*Nispjega li jien kelli relazzjoni tajba ħafna ma' Helmina Vella li tigi oħt Antida Vella li tgħix fuq is-sular ta' fuqi. Niftakar lil Helmina tgħidli "jekk jinqalagħlek xi ħaġa bil-lejl għajjatli" għax jien ma nsuqx u Helmina kienet issuq, u f'każ li ommi kien jinqalagħlha xi ħaġa kienet toffri l-għajuna tagħha sabiex twassalna hi l-isptar. Anka ma' oħtha, Antida Vella dejjem kelli relazzjoni tajba. Aħna twelidna f'dal post u trabbejna flimkien, ma kienx hemm baħar x'jaqsam. Antida kienet tiġi tara 'l ommha u lili spiss kienet tinzertani naħsel barra jew nagħmel ir-ramm tal-bieb ta' barra stess.*

"*Irrid ngħid illi fis-sena 2008 jien kont waqaft naħdem għax ommi kienet spiċċat 'wheelchair case' u kellha dimensia qawwija, tant illi kelli nispiċċa norbotha mal-wheelchair biex ma tqumx għax kienet tgħid li trid tmur lura Ħal Qormi u li hawn mhux darha. Anke lili kienet tistaqsini "inti min inti?". Lanqas kienet taf li jiena bintha. Id-dimensia kienet waslet fi stadju ikrah ħafna fiż-żmien tas-sena elfejn u sebgħa (2007). Peress li kont waqaft naħdem biex inkun nista' ndur b'ommi, jien kont applikajt għal wens u tas-Sigurtá Soċjali kienu ġew xi darbtejn żgur għal għarrieda biex jikonfermaw hux vera li ommi kienet 'wheelchair case'. Niftakar illi dawn tas-Sigurtá Soċjali kienu ġew jiċċekkjaw 'unexpectedly' bla appuntament u kienu sabu lili niftħilhom għax ommi*

*ovvjament kienet fil-wheelchair. Bdejt nieħu tal-wens sa ma mietet ommi, wara erba' xhur l-isptar u żewġ operazzjonijiet kbar fejn qatgħulha mill-irkoppa 'l fuq u wara kienu reġgħu operawha fejn qatgħulha biċċa minn saqajha l-oħra. Nesebixxi kopja ta' dokument li juri li kont nirċievi il-benefiċċju għal wens anness u mmarkat Dok 'C1'. Jien kont kuljum immur l-isptar inżur 'l ommi, mill-ħdax ta' filgħodu (11:00am) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm). Ommi mietet fit-3 ta' Awissu 2010 u kellha 90 sena u erba' xhur.*

"*Dik is-sena li mietet ommi, f'Novembru, kont mort bil-ktieb tal-kera u l-flus u Antida ma ridithomx u qaltli li l-post riditu akkost ta' kollox u li trid titfagħni 'l barra. Għidtilha li jien ma kont qed nikser l-ebda liġi u li ma għandix post ieħor fejn immur ngħix. Fuq hekk Antida kienet weġbitni li ma kinitx problema tagħha. Antida taf li jien kont ili ngħix m'ommi għax għalkemm hi kienet taħdem 'part-time' tagħmel l-alterations ġo ħanut tal-ħwejjeġ, Antida kienet minn dejjem tiġi żżur 'l ommha u kienet tarani barra fejn il-bieb.*

"*Wara li ommi mietet, il-benefiċċji tal-wens waqfuli u bdejt nieħu tal-mard u xi ħaġa mir-relief peress li l-muskoli ta' jdejja kienu bdew juġgħuni wisq minħabba li kull sagħtejn bil-lejl bl-arloġġ, biex ma tintlielix bil-bed sores, kont inqandel ħafna 'l ommi mill-wheelchair għall-commode u għal fuq is-sodda jew meta kien ikun hemm il-ħtieġa li nċaqlaqha ftit. It-tabib Dr. Franco Camilleri kien qalli li għandi problema kbira fil-muskoli u ma nistax naħdem kif nixtieq. Bħala prova ta' dan qed nesebixxi kopja taċ-ċertifikat miktub mit-tabib Dr. Franco Camilleri stess anness u mmarkat bħala Dok 'D'. Qegħda nesebixxi wkoll żewġ irċevuti; waħda tal-benefiċċju tal-mard annessa u mmarkata bħala Dok 'C' u oħra tas-sigurtá soċjali mmarkata bħala Dok 'C1'.*

"*Ngħid ukoll illi Antida u r-raġel tagħha Saviour Vella kienu fetħuli giljottina fl-ismijiet "Vella Saviour et vs Ebejer Therese Sive Marthese" li kellha tinstema' għall-ewwel dehra nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2011. Jien ma kontx ġejt notifikata bil-kawża li kienu fetħuli għaliex dan l-avviż għas-smigħ kien ntbagħat lili fl-indirizz "Evergreen", Triq Żinżell, Ħal Qormi. Nistqarr allura, la l-konjuġi Vella jistqarru li għamlu l-verifiki tagħhom qabel ipproċedew għall-iżgumbrament tiegħi u kienu hekk jafu li qed ngħix fil-post mertu tal-każ, għalfejn innotifikawni għal iktar minn darba fid-dar ta' Ħal Qormi fejn kienet id-dar taż-żwieg tiegħi? Din il-kawża kienet imbagħad ġiet differita għal iktar minn darba, u ċjoe' għat-30 ta' Jannar 2012, u darb oħra għad-29 ta' Frar 2012. B'dawn id-dati jien erġajt ma kontx ġejt notifikata bihom minħabba illi dawn l-avviżi kienu baqgħu jiġu ndirizzati għan-notifika tiegħi fil-post ġewwa Ħal Qormi fejn kont ngħix ħafna żmien ilu mar-raġel, allavolja nerġa' ngħid illi Antida u żewġha kienu jafu illi jien ma kontx qed ngħix Ħal Qormi. Qed nesebixxi dokument immarkat bħala Dok 'G' bħala prova ta' dak li qed ngħid.*

"*Nistqarr illi jien sirt naf b'dan kollu għaliex nhar l-għoxrin (20) ta' Frar 2012, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm) kien ċempilli Pulizija jismu Bryan, stazzjonat fl-għassa ta' Ħal Qormi biex jien immur urġenti l-għassa għax kellhom xi karti importanti miżmugħin fil-garżelli tagħhom, indirizzati lili mill-Qorti. Jien l-għada stess, kmieni filgħodu, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2012, mort l-għassa ta' Ħal*

> *Qormi biex niġbor il-karti li kien semmieli l-Pulizija. Ma kelli l-ebda idea bil-kawża li fetħu kontrija Antida u żewġha Saviour u lanqas illi l-kawża kienet bi proċedura ta' giljottina. Niftakar illi dakinhar filgħaxija kont mort inkellem lill-avukat tiegħi fuq il-karti li kont irċevejt.*
>
> "*Irrid ngħid ukoll illi fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Frar 2012, l-avukat ta' Antida, Dr. Therese Comodini Cachia, qalet illi l-klijenta tagħha, residenza waħda biss għandha, u ċjoe' dik ta' 20, Antonio Agius Street, Floriana, mentri fil-veritá għandha dar oħra ġewwa Birzebbuga li tintuża għas-Sajf. Dan nafu għax Antida meta konna għadna nitkellmu ma' xulxin, kienet issemmi dan il-post u għadu għandha sallum, u dan nafu għaliex is-Sajf li għadda kont smajt lil Lea Micallef li għandha ħmistax-il sena (15), li kienet ħdejna barra quddiem il-bieb ta' barra tiegħi, tgħidilna (lili, iz-zija tagħha Tania Micallef, Victoria Gatt u ġirien oħra), li ser imorru weekend Birzebbuga għand Antida u jagħmlu B.B.Q. u jorqdu hemm ukoll. Għal kull fini ta' kjarezza, Lea Micallef tiġi bint Catherine Micallef, il-ħabiba tal-qalb ta' Antida. Jien smajtha tgħid hekk għaliex Catherine u bintha Lea kienu marru jżuru lil waħda Tania Micallef; li tiġi oħt ir-raġel ta' Catherine Micallef li llum-il ġurnata mejjet u fl-istess ħin din Tania tiġi l-ġirien tiegħi fil-fond numru 15, Antonio Agius Street, Floriana. L-istess avukata dakinhar tas-seduta qalet ukoll illi reċentement, il-klijenta tagħha, ċjoe' Antida Vella, kienet wasslet lili Ħal Qormi ġewwa "d-dar matrimonjali". Dan mhu veru xejn għaliex jien u Antida ilna ma nitkellmu mis-sena elfejn u tmienja (2008), u ċjoe' minn meta Antida bagħtet l-ittra (msemmija iktar 'il fuq u mmarkata bħala Dok 'H'), biex il-kirja tal-fond 20, Antonio Agius Street, Furjana ma tibqax tintiret lil terzi wara l-mewt ta' ommi. Jien ma kellimthiex għaliex b'dik l-ittra ħassejtni umiljata meta hija kienet taf li qed nogħqod fil-post ma' ommi u madankollu riedet xorta tixħitni 'l barra.*
>
> "*Nixtieq ngħid illi l-post fejn qed ngħix preżentament, u ċjoe' fil-fond in kwistjoni m'għandix ħliefu u jekk ma nibqax hemm m'għandix fejn immur noqgħod. Permezz ta' proċeduri ta' separazzjoni bil-Qorti bejni u żewġi u m'għandix iktar dritt għal aċċess fid-dar ta' Ħal Qormi, u lanqas manteniment mir-raġel stess."*

"Illi dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza għandu jingħad illi huwa paċifikament aċċettat illi l-*kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha* – **"Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et"** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 t'Ottubru 1997).

"Illi f'dan il-każ, l-atturi qed jippremettu fit-talba tagħhom illi l-konvenuta ma għandhiex titolu biex tokkupa l-fond; u kif qalet l-Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti fil-kawża fl-ismijiet **"George Falzon vs Raymond Buttigieg et"** (deċiza fit-28 ta' Marzu 2014) *"... u fil-waqt li kif gja' ssemma mingħajr dubju l-kompetenza toħroġ mill-att promotorju, jekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti tiġi milqugħa, l-attur ikollu allura xorta waħda jirrikorri għall-Bord li Jirregola l-Kera jekk irid jieħu pussess tal-fond in kwistjoni – iżda imbagħad fuq kawżali għal*

*kollox differenti għaliex tkun ġiet stabbilita ġudizzjarjament relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet. Għalhekk ladarba l-Ewwel Qorti ddeċidiet biss, kif ġiet mitluba tagħmel, fuq l-ewwel eċċezzjoni hija għamlet sew li kkonċentrat fuq it-**talba tal-attur** (kif iddikjarat is–sentenza **"Refalo vs Azzopardi"** fuq imsemmija) li kienet titlob l-iżgumbrament fuq il-kawżali li l-konvenuti ma għandhomx titolu u allura kkonkludiet ġustament li fuq dik il-bażi li hija kellha l-kompetenza tisma' l-kawża u tiddeċiediha ."*

"Illi għalhekk **l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi respinta**.

"Illi *piu' o meno*, ix-xhieda prodotti mill-partijiet kienu favur it-teżi tagħhom. Il-konvenuta tgħid li kienet ilha tgħix ma' ommha mill-2001 iżda skond l-atturi dan mhux minnu; ressqu jixhdu lir-rappreżentant tal-uffiċju elettorali u mill-produzzjoni tar-reġistru relattiv jirriżulta li sal-2007 il-konvenuta kienet għadha reġistrata li tgħix fil-fond matrimonjali tagħha u żewġha Ħal Qormi. Is-sentenza fil-kawża ta' separazzjoni tal-konvenuta ngħatat fl-2012 u żewġha ġie awtorizzat jgħix f'dik id-dar sal-2016.

"Illi kif wieħed jista' jara allura hemm provi konfliġġenti. F'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* kif ingħad fis-sentenza (**"Zammit vs Petrococchino"**, Appell Kummercjali, deċiża fil-25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabiltajiet; *b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo'* kif riportat fis-sentenza **"Enrico Camilleri vs Martin Borg"**, (Appell Inferjuri, deċiż fis-17 ta' Marzu 2003).

"Illi *in subiecta materia*, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża **"Carmelo Agius vs John Agius"** (deċiża fit-2 ta' Diċembru 1994) qalet illi:

> "*Il-konvenut irid jipprova li:*
>
> "*1. hu kien membru tal-familja; u*
>
> "*2. li hu kien joqgħod mal-inkwlina fiż-żmien tal-mewt tagħha.*
>
> "*Il-liġi bl-artikolu 2 (tal-Kap. 69) ma tesiġi ebda minimu ta' żmien ta' koabitazzjoni biex membri tal-familja tal-inkwilin ikollhom dritt favur tagħhom għar-rilokazzjoni tal-post lokat; iżda trid biss li dawn il-membri 'jkunu joqogħdu' mal-inkwilin oriġinali. Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-liġi il-kelma 'toqgħod" trid titqies fis-sinifikat ordinarju tagħha, ċjoe' li wieħed ikun joqgħod permanentement fil-post u li wieħed jikkonsidra l-post bħala r-residenza ordinarja u normali tiegħu. (ara s-sentenza **"Cutajar vs Rapa"**, deċiża mill-Prim Awla fis-17 t'Ottubru 1972).*

"*L-element tar-residenza ġie nterpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens li mhux biżżejjed li jkun hemm 'mere physical presence' imma l-post kien 'permanently his ordinary residence' u ' his only residence'.*"

"Illi fil-każ in eżami ma hemmx dubju li l-konvenuta għandha tkun ritenuta membru tal-familja tal-kerrej. Il-kwistjoni hija biss jekk kinitx toqgħod ma' ommha meta din ġiet nieqsa kif trid il-liġi u kif spjegat. Hemm ukoll naturalment il-kwistjoni ta' jekk l-artikolu 1531F japplikax għas-sitwazzjoni odjerna b'mod li jipproteġi lill-konvenuta. Dan l-artiklu jgħid illi:

"**1531F.** *"Fil-każ ta' kirja ta' dar użata bħala residenza ordinarja li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju 1995 għandha tiġi meqjusa bħala inkwilin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju 2008 kif ukoll żewġha jew martu jekk jgħixu flimkien u mhux separat jew separata legalment; meta jmut l-inkwilin il-kirja għandha tiġi terminata;*

"*Iżda wkoll persuna tkompli l-kirja wara l-mewt tal-inkwilin bl-istess kundizzjonijiet tal-inkwilin jekk fl-1 ta' Ġunju 2008 –*

"*tkun il-wild naturali jew legali tal-inkwilin u tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin; u wara l-1 ta' Ġunju 2008 tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu;*
…
"*persuna m'għandux ikollha dritt tkompli l-kirja wara l-mewt tal-inkwilin jekk ma tissodisfax il-kriterji ta' test tal-mezzi stabbilit skont regolamenti li jista' joħroġ il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni minn żmien għal żmien."*

"Illi kwindi skond l-artikolu 1531F, li fuqu isserraħ id-difiża tagħha l-konvenuta, u li japplika għall-każi bhal dak odjern fejn l-inkwilin oriġinali jkun miet wara li daħal fis-seħħ l-Att X tal-2009 – kif effettivament ġara f'dan il-każ – il-persuna li tkun trid tibbenefika minn dak l-artikolu trid ukoll tissodisfa t-test impost mill-meżżi ndikati mill-Ministru responsabbli f'Regolamenti maħruġa apposta – dawn in effetti saru permezz tal-Avviż Legali numru 463 tal-2011 kif sussegwentement emendati. Dan ir-rekwiżit irid jirrizulta lill-Qorti u kwindi billi tkun tallegah il-konvenuta, trid tkun hija stess li tressaq il-provi dwaru. **Min jallega jrid jipprova** jew **– *'Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*** kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"** deċiża mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972, u **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella" –** Appell Inferjuri deċiż fit-2 ta' Mejju 1995).

"Illi dwar dan din il-Qorti ġja' ddeċidiet każi simili fil-kawżi fl-ismijiet **"Le Brun vs Bryden"** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2014) u **"Chetcuti vs Vella"** (deċiża fid-29 ta' Ottubru 2014). F' din il-kawża pero' fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta dan għamlitu għaliex jirriżulta li qed tgħix biss bil-benefiċċji soċjali. **Barra minn hekk pero' trid tkun għexet mal-**

**inkwilin oriġinali *"tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erbgħa mill-aħħar ħames snin* (sal-1 ta' Ġunju 2008).**

"Illi l-Qorti wara illi ħasbet fit-tul waslet għall-konklużjoni li kif qalet il-Qorti fl-aħħar każ imsemmi, filwaqt li l-konvenuta kienet tkun preżenti ħafna fil-fond imsemmi mis-sena 2001 'il quddiem biex tassisti lil ommha kif qalet fid-depożizzjoni tagħha, hija ma kinitx **residenti** hemmhekk fis-sens li trid il-liġi qabel l-2007. Dan huwa ndikat mill-bdil tal-indirizz tagħha fir-Registru Elettorali u anke mis-sentenza tal-kawża ta' separazzjoni li waslet għal konkuzjoni li hija abbandunat id-dar matrimonjali fil-bidu ta' 2007. Għalhekk filwaqt li kien hemm preżenza fiżika tagħha fid-dar in kwistjoni, dan ma jfissirx li kienet residenti hemmhekk minn dak iż-żmien li qed tgħid hi (*vide* **"Agius vs Agius"** *supra*).

"Illi fil-kawża **"Camilleri vs Borg"** fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell iċċitat u qablet ma' deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **"Vincent Rausi vs Joseph Muscat"** (deċiża fit-22 ta' Novembru 1995) fis-sens li f'tali sitwazzjoni l-ġudikant ma jistax jiddeċiedi aktar fuq preponderanza ta' probabiltajiet iżda fuq il-prinċipju *actor non probante, reus absolvitur* u għalhekk il-kawża tinqata' kontra l-attur. **Fil-każ in eżami pero'**, il-piż tal-prova kien fuq il-konvenuta għaliex hija kellha ġġib il-prova tat-titolu tagħha ossija tipprova li kienet intitolata għall-protezzjoni msemmija fl-artikolu ċitat minnha. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti hija għandha tilqa' t-talba tal-atturi billi l-konvenuta naqset li tipprova li kellha titolu validu biex tgħix fil-post in kwistjoni.

"Illi finalment għall-kompletezza tajjeb jingħad illi skond l-artikolu 1531G, persuna bħall-konvenuta li tkun tgħix mal-inkwilin fid-data tal-mewt tiegħu jew tagħha u li ma tistax tibbenefika mill-artikolu 1531F għal xi raġuni li ma tkunx it-test tal-meżżi, ikollha dritt tibqa' tabita fil-fond għal ħames snin oħra b'kera doppja. Fil-każ tal-konvenuta, peress li ommha mietet fl-2010, dawn il-ħames snin ġja' għaddew. Għalhekk filwaqt li meta saret il-kawża din setgħet kienet intempestiva, bid-duttrina tal-*jus superveniens*, dan ma għadux il-każ – (*vide* s-sentenza **"Brincat vs Brincat"** deċiża fid-29 t'April 2015, mill-Prim Awla u l-ġurisprudenza msemmija fl-istess sentenza).

"**DEĊIŻJONI**

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel talba tal-atturi billi l-konvenuta ġiet awtorizzata tikkontesta l-kawża, u waqt ukoll illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-tieni talba attriċi u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' erba' xhur.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta**".

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuta (27.01.2016):</u>**

**3.** Il-konvenuta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha jistgħu jiġu riasssunti kif ġej:

- Hija tilmenta li l-atturi ma pprovawx it-teżi tagħhom li hija ma kellhiex titolu validu ta' kera, u għalhekk it-talbiet tagħhom ma kellhomx jintlaqgħu in kwantu "*actore non probante, reus absolvitur*".

- Issostni li hija effettivament tikkwalifika bħala "*kerrej*" skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69, u taċċenna għall-fatt li tali artikolu ma jesiġix li tkun għamlet minimu ta' żmien tabita ma' ommha (il-kerrejja) biex hija jkollha d-dritt li l-post ikompli jiġi mikri lilha wara mewtha f'Awwissu 2010.

- Issostni fi kwalunkwe każ li hija kienet marret tabita permanentement ma' ommha fid-dar in kwistjoni u kienet tikkonsidraha bħala r-residenza tagħha ferm qabel ma fetħet il-proċeduri ta' separazzjoni fl-2008, tant li tgħid li fis-sentenza ta' separazzjoni stess (datata 26 ta' Jannar 2012) kien intqal illi ma kienx ikkontestat li hija kienet abbandunat id-dar matrimonjali "*aktar minn tmin snin ilu*" u allura qabel l-2004.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (15.02.2016):**

**4.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Isostnu li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi mressqa quddiemha kien għal kollox korrett, u bl-ebda mod ma għandu jiġi disturbat.

**5.** Isostnu illi skont l-Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili sabiex it-titolu ta' lokazzjoni li kellha omm il-konvenuta jitqies li għadda fuqha irid jiġi provat illi fil-perjodu ta' ħames (5) snin bejn l-1 ta' Ġunju 2003 u l-1 ta' Ġunju 2008 kienet tirrisjedi b'mod ordinarju u permanenti ma' ommha għal tal-anqas erba' (4) snin, u wkoll li wara l-1 ta' Ġunju 2008 baqgħet tgħix magħha sad-data tal-mewt tagħha.

**6.** Jargumentaw illi għalkemm il-konvenuta kienet tqatta' ħafna ħin fid-dar ma' ommha, inkluż anke xi drabi torqod magħha, hija ma tistax titqies li kienet residenti fil-post b'mod ordinarju u permanenti u dan għaliex l-affarijiet personali tagħha, sas-sentenza appellata, kienu għadhom fid-dar matrimonjali. Isostnu li hemm distinzjoni bejn li persuna tkun preżenti ħafna f'fond u li persuna effettivament tkun residenti fih.

**7.** Fi kwalunkwe każ, b'referenza għas-sentenza ta' separazzjoni (li tidħol fil-kwistjoni tal-abbandun tad-dar matrimonjali da parti tal-konvenuta), għax-xhieda ta' Audrey Ellul fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-konvenuta bħala benefiċċjarja tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma, u għad-dokumenti bħal ma huma r-Reġistru Elettorali u l-kontijiet bankarji tal-konvenuti, isostnu li dawn il-provi, stabbiliti b'mod oġġettiv minn terzi mhux partijiet fil-kawża, jipprovaw illi l-konvenuta ma għamlitx l-erba' snin mill-ħames snin bejn l-1 ta' Ġunju 2003 u l-1 ta' Ġunju 2008, kif rikjest mill-Artikolu 1531F, tirrisjedi m'ommha.

**Il-liġi applikabbli għall-każ in kwistjoni**

**8.** Huwa opportun illi fl-ewwel lok jiġi ċċarat liema hija l-liġi applikabbli għall-vertenza odjerna. Dan qed jingħad in vista tal-fatt illi fost l-aggravji li tressaq il-konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell odjern hemm li tirreferi għall-Artikolu 2 tal-Kap. 69 li fid-definizzjoni ta' "*kerrej*" jinkludi "*dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqgħodu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu*" u taċċenna għall-fatt f'dan ir-rigward l-artikolu ma jesiġi l-ebda minimu ta' żmien ta' koabitazzjoni biex il-membri tal-familja tal-kerrej ikollhom dritt għar-rilokazzjoni tal-post. Tgħid illi fir-rigward ta' jekk hix membru tal-familja tal-kerrej oriġinali ma hemmx dubju, u li għalhekk l-unika kwistjoni kellha tkun jekk hija fil-fatt kenitx toqgħod ma' ommha meta ġiet nieqsa.

**9.** Iżda dan huwa totalment żbaljat u skorrett. Għalkemm il-kirja favur Giorgia Debattista kienet ilha fis-seħħ minn qabel l-1 ta' Ġunju 1995 (u għaldaqstant minkejja l-emendi tal-liġijiet tal-kera li daħlu permezz tal-Att XXXI tal-1995 baqgħet kirja protetta taħt il-Kapitolu 69), b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 din il-kirja ġiet ukoll regolata bl-emendi tal-liġijiet tal-kera li daħlu permezz tal-Att X tal-2009. L-Artikolu 1531B tal-Kodiċi Ċivili (li huwa wieħed mill-artikoli li ġew introdotti bl-Att X tal-2009) fil-fatt jipprovdi illi:

> "*Għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar, 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531Ċ, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K*".

**10.** Issa skont l-Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili biex membru tal-familja tal-kerrej jikkwalifika sabiex ikompli bil-kirja tal-kerrej wara mewtu, mhux biżżejjed li fiż-żmien li jkun ġie nieqes kien qed joqgħod miegħu (kif jesiġi l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69). Il-parti tal-Artikolu 1531F li tirrigwarda dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li huma "*wild naturali*" tiegħu (bħal fil-każ tal-konvenuta) tipprovdi hekk:

> "*Fil-każ ta' kirja ta' dar użata bħala residenza ordinarja li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tiġi meqjusa bħala inkwilin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll żewġha jew martu jekk jgħixu flimkien u mhux separat jew separata legalment; meta jmut l-inkwilin il-kirja għandha tiġi terminata:*

> "*Iżda wkoll persuna tkompli il-kirja wara l-mewt tal-inkwilin bl-istess kondizzjonijiet tal-inkwilin jekk fl-1 ta' Ġunju, 2008 –*
>
> > "*(i) tkun il-wild naturali jew legali tal-inkwilin u tkun ilha toqgħod mal-inkwilin għal erba' snin mill-aħħar ħames snin; u wara l-1 ta' Ġunju, 2008 tibqa' tgħix mal-inkwilin sad-data tal-mewt tiegħu:*
> > ………………".

**11.** Fil-fatt, għalkemm il-konvenuta appellanti għażlet li ma ssemmix dan l-Artikolu 1531F fir-rikors tal-appell tagħha (aktarx minħabba li, kontrarjament għall-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69, l-Artikolu 1531F jesiġi minimu ta' żmien li trid tkun għamlet tirrisjedi ma' ommha sabiex titqies li għandha dritt tkompli bil-kirja wara mewtha), kienet fil-fatt hija stess li eċċepiet li għandha d-dritt tkompli l-kirja wara l-mewt ta' ommha proprju "*ai termini tal-Artikolu 1531F*".

**12.** Għaldaqstant huwa inġust għall-aħħar da parti tal-konvenuta appellanti li tippreżenta bħala wieħed mill-aggravji tagħha l-argument illi l-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ kellu jkun l-Artikolu 2 tal-Kap 69 u li allura l-"*unika kwistjoni*" li kellha tiġi meqjusa mill-ewwel Qorti kellha tkun jekk kenitx toqgħod ma' ommha fiż-żmien li din ġiet nieqsa. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1531F, invokat mill-konvenuta stess, sabiex tirnexxi d-difiża tagħha li għandha titolu validu biex tokkupa l-post in kwistjoni irid jirriżulta ferm iktar minn hekk. Irid jirriżulta mhux biss li hija l-wild naturali ta' Giorgia Debattista (fatt mhux inkontestat), iżda wkoll:

- li fil-perjodu ta' ħames (5) snin bejn l-1 ta' Ġunju 2003 u l-1 ta'

Ġunju 2008 għamlet erba' (4) snin tgħix mal-inkwilina; u

- li wara l-1 ta' Ġunju 2008 baqgħet tgħix mal-inkwilina sad-data tal-mewt tagħha.

**13.** L-atturi appellati, minkejja li ma jeskludux li l-konvenuta kienet tqatta' ħafna ħin fid-dar fejn kienet tabita ommha Giorgia Debattista, inkluż anke torqod magħha, isostnu li hija qatt ma għexet fil-post tagħhom b'mod ordinarju u permanenti, u fi kwalunkwe każ mhux għaż-żmien rikjest taħt l-Artikolu 1531F, u għalhekk jikkontestaw it-teżi tagħha li hija għandha titqies bħala l-kerrejja leġittima tal-fond in kwistjoni.

**<u>Provi</u>**

*Verżjoni tal-atturi appellati*

**14.** L-attriċi Antida Vella, fl-affidavit tagħha[1] spjegat li l-fond in kwistjoni tafu sew għaliex jiġi proprju sottostanti l-appartament fejn hija fil-fatt twieldet u għexet sakemm iżżewġet fl-1981. Qalet li għalkemm ħarġet minn tali appartament biż-żwieġ fl-1981, kienet baqgħet tmur iżżur lil ommha f'dan l-appartament xi darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa sal-2011 meta imbagħad ommha marret toqgħod f'dar tal-anzjani.

[1] Affidavit ta' Antida Vella, maħluf fit-22 ta' Mejju 2012, fol 31 et seq

**15.** Xehdet li hi u żewġha akkwistaw il-fond mertu ta' din il-kawża permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Frar 1988.[2] Kif jirriżulta mill-istess kuntratt, meta xtraw il-fond kienu jafu li l-post kien mikri lil terzi (Giorgia Debattista, omm il-konvenuta) bil-kera ta' Lm46 fis-sena. Hija kkonfermat li mis-sena 1988 sas-sena 2010 (meta mietet l-istess Giorgia Debattista) huma dejjem tħallsu l-kera ta' Lm46 fis-sena mingħand l-inkwilina Giorgia Debattista. Fil-fatt mill-ktieb tal-kera[3] jidher li l-pagamenti kienu jsiru kull sena bil-quddiem għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru.

**16.** Spjegat li meta kienet tmur iżżur lil ommha fl-appartament sovrastanti, kienet tara lill-konvenuta għand ommha fl-appartament in kwistjoni "*iżda din kienet tinżel biss sabiex tara jekk għandhiex bżonn xi ħaġa*". Irreferiet għal okkażjoni partikolari fl-2005 meta kienet iltaqgħet mal-konvenuta quddiem il-bieb tad-dar ta' ommha u l-konvenuta qaltilha li "*tiġi tara jekk ommha għandhiex bżonn xi ħaġa*". F'okkażjoni oħra, ukoll fl-2005, qalet li kienet anke wasslitha d-dar tagħha f'Ħal Qormi.

**17.** Irreferiet ukoll għal okkażjoni oħra fejn il-konvenuta kkonfermat li d-dar in kwistjoni kienet ir-residenza ta' ommha biss. Qalet li dan kien fl-4 ta' Settembru 2007, meta kien sar aċċess da parti tar-rappreżentanti tar-Reġistratur tal-Artijiet fuq applikazzjoni tagħha u ta' żewġha sabiex il-

[2] Kuntratt tal-1988, Dok A, fol 5-7
[3] Kopja tal-ktieb tal-kera, fol 34-46

proprjeta` tiġi reġistrata.[4] Spjegat li dakinhar hija kienet preżenti fid-dar u kien hemm ukoll l-inkwilina Giorgia Debattista u bintha l-konvenuta. Qalet li meta r-rappreżentanti lestew il-pjanta staqsew jekk il-proprjetarji kinux joqgħodu fil-post, "*Marthese kienet pronta u qaltlu li Giorgia Debattista kienet tgħix il-post*".

**18.** Qalet li meta kienet semgħet li l-konvenuta kellha l-inkwiet ma' żewġha kienet bdiet tiċċekkja r-Reġistru Elettorali. Irriżultalha li minn April 2008 ma kenitx għadha tidher bħala residenti fid-dar matrimonjali ta' Ħal Qormi, iżda bdiet tidher invece bħala residenti fid-dar in kwistjoni, proprjeta` tagħhom. Għalhekk fil-25 ta' Awwissu 2008 hi u żewġha bagħtu ittra uffiċjali[5] lil Giorgia Debattista fejn informawha illi ma kellhiex permess tikkonċedi l-kera lil terzi u li huma "*ma jirrikonoxxu lill-ebda persuna oħra bħala li għandha xi dritt li tirrisjedi fil-fond in kwistjoni*".

**19.** Giorgia Debattista ġiet nieqsa fit-3 ta' Awwissu 2010 u proprju ġimgħa wara, fil-11 ta' Awwissu 2010[6], l-atturi bagħtu ittra lill-aħwa Debattista tramite l-avukat tagħhom fejn informawhom li l-kirja tal-fond tagħhom kienet spiċċat bil-mewt ta' ommhom u li għalhekk kellhom ibattlu l-fond u jirritornawlhom iċ-ċwievet.

---

[4] Fil-fatt Dok 2, a fol 47-48, hija kopja ta' ittra mibgħuta mir-Registru tal-Artijiet lill-attur Saviour Vella b'riferenza għall-applikazzjoni li kien għamel sabiex il-proprjeta 20, Triq Antoino Agius, Floriana, tiġi reġistrata.

[5] Ittra uffiċjali datata 25 ta' Awwissu 2008, fol 62

[6] Ittra a fol 60

**20.** Dan qatt ma għamluh; fil-fatt l-attriċi xehdet li proprju f'Novembru ta' dik is-sena l-konvenuta kienet marret biex tħallasha l-kera bħala l-kerrejja tal-fond iżda hi ma aċċettathiex.

*Verżjoni tal-konvenuta appellanti*

**21.** Il-konvenuta Therese sive Marthese Ebejer fl-affidavit tagħha[7] xehdet illi sa minn qabel is-sena 2001 hija kienet "*diġa qegħda ninżel norqod ma' ommi Giorgia Debattista ġewwa l-fond ta' 20, Antonio Agius Street, Floriana…*". Spjegat li kull wieħed mill-erba' ħutha li jirrisjedu Malta kien jorqod mal-omm lejl wieħed fil-ġimgħa filwaqt li hi kienet torqod it-tlett ġranet l-oħra tal-ġimgħa. Qalet li ma kellhiex problemi tqatta' tul ta' ġranet magħha peress li m'għandhiex tfal.

**22.** Fl-affidavit tagħha rriferiet għall-affidavit li kienet għamlet fl-atti tal-kawża tas-separazzjoni. Tali affidavit (Dok A)[8] huwa datat 22 ta' April 2008. Fost affarijiet oħra qalet li "*daqs tmin snin ilu*"[9] kien ġie mument fejn żewġha kien qalilha biex hu jagħmel li jrid u hi tagħmel li trid, u mbagħad daqs erba' snin ilu[10] kienet bdiet tmur torqod għand ommha.

> "*Bqajna għaddejjin b'dik il-ħajja sa ma imbagħad ommi marret lura f'saħħitha u daqs erba' snin ilu bdejt immur norqod mal-*

[7] Affidavit tal-konvenuta, maħluf fit-2 ta' Frar 2015, fol 104-109
[8] Affidavit tal-konvenuta (rigwardanti l-kawża tas-separazzjoni), maħluf fit-22 ta' April 2008, fol 110-112
[9] Jiġifieri għall-ħabta tal-2000
[10] Jiġifieri għall-ħabta tas-sena 2004

> *mummy. Id-dar bqajt nieħu ħsiebha, imma iktar kont għand ommi milli d-dar".*

**23.** Fl-affidavit tagħha f'dawn l-atti, spjegat illi f'paġna 17, paragrafu 46 tan-nota tas-sottomissjonijiet li żewġha kien ippreżenta fl-atti tal-kawża tas-separazzjoni, kien "issottometta" illi :

> "*…ma huwhiex kontestat li l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali għal aktar minn tmin snin ilu, għaliex dan jinsab ammess mill-istess attriċi…*".

**24.** Din il-qorti ma tistax ma tosservax li dan kien proprju l-istess bran li l-konvenuta ikkwotat fir-rikors tal-appell tagħha fejn (skorrettament) ippreżentatu bħala li kien ġie "stipulat" mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza mogħtija minnha fl-2012.

**25.** Kompliet tgħid illi fis-sena 2008 ommha kienet spiċċat f'siġġu tar-roti u b'dimenzja qawwija u għalhekk hija kienet waqfet taħdem sabiex tkun tista' ddur b'ommha. Qalet li kienet applikat għall-pensjoni tal-wens u "*Bdejt nieħu tal-wens sa ma mietet ommi..*".

**26.** Kontro-eżaminata[11] u mistoqsija dwar dik il-parti tal-affidavit li ppreżentat fil-kawża ta' separazzjoni fejn hija qalet li għalkemm kienet bdiet tmur torqod ma' ommha kienet baqgħet tieħu ħsieb id-dar matrimonjali, il-konvenuta wieġbet:

[11] Kontro-eżami tal-konvenuta tas-6 ta' Mejju 2015, fol 161 et seq

> "*Imma qabel l-2005.*
> *….*
> "*Jiena kont immur, mhux se titlef oġġett hu!...Imma imbagħad, imma imbagħad, tant kelli spejjeż tal-karozzi tal-linja li lanqas, il-paga nista' ngħid li nofsha kont qed naħlihom spejjeż tal-linja*".

**27.** Mistoqsija fuq l-oġġetti tagħha li ħalliet fid-dar matrimonjali, wieġbet:

> "*U hemm għadhom, għax tlaqt. Ma ħadt xejn*
> *…..*
> "*Tlaqt, tlaqt, ma ridt xejn iżjed minn hemm. Ma ridtx ikolli iżjed x' naqsam m'hemm*".

**28.** Bianca Debattista, il-mara ta' Raymond Debattista, ħu l-konvenuta, fl-affidavit tagħha[12] ikkonfermat illi kien hemm żmien meta l-aħwa Debattista (minbarra waħda li tgħix l-Ingilterra) kienu jitqassmu biex jorqdu ma' ommhom Giorgia Debattista. Spjegat illi tlett iljieli fil-ġimgħa kienet torqod il-konvenuta u l-erbat iljieli l-oħra kienu jorqdu l-erba aħwa l-oħra, iżda qalet li mill-2001 'il quddiem il-konvenuta bdiet iżżid l-iljieli sakemm bdiet torqod hi il-ġimgħa kollha. Qalet li l-konvenuta bdiet torqod hemm u filgħodu tmur għax-xogħol. Qalet li setgħet tikkonferma li kienet tgħix ma' Giorgia Debattista peress li kull meta kienet tmur biex twassalha għal xi appuntament l-isptar jew f'xi clinic dejjem kienet issib lill-konvenuta magħha fid-dar. Ikkonfermat li l-konvenuta kellha tieqaf mix-xogħol f'Settembru 2008 minħabba li Giorgia Debattista spiċċat f'siġġu tar-roti u l-konvenuta kellha ddur biha *full time*.

[12] Affidavit ta' Bianca Debattista, maħluf 3 ta' Frar 2015, fol 100 et seq

**29.** Josephine Debattista, il-mara ta' Joseph Debattista, ħu l-konvenuta, fl-affidavit tagħha[13] ikkonfermat illi f'xi żmien qabel l-2001 l-aħwa Debattista kienu jitqassmu biex jorqdu ma' ommhom Giorgia Debattista iżda wara xi żmien il-konvenuta bi ftehim ma' kulħadd iddeċidiet li tmur tgħix ma' ommha. Qalet li dak iż-żmien kienet għadha taħdem iżda meta ommha spiċċat f'siġġu tar-roti kellha tieqaf mix-xogħol.

**30.** John Sacco, li joqgħod faċċata tal-fond in kwistjoni, fl-affidavit tiegħu[14] xehed li l-konvenuta dejjem kien jaraha għand ommha speċjalment mis-sena 2000 'l hawn. Xehed li kemm-il darba kien jaraha titlaq għax-xogħol mid-dar ta' ommha. Qal li fis-sajf jinġabru barra l-ġirien u joħorġu bil-pultruni sa tard bil-lejl. Jiftakar lill-konvenuta tgħinha tidħol fis-sodda u anke tittawlilha. Jiftakarha tagħmel hekk anke meta spiċċat fuq siġġu tar-roti fl-2008.

*Il-kawża tas-separazzjoni*

**31.** Il-konvenuta żżewġet lil Paul Ebejer fit-23 ta' Marzu 1982 u marret tirrisjedi miegħu fid-dar matrimonjali f'Ħal Qormi. Wara 26 sena żwieġ, u cioe` fit-13 ta' Mejju 2008, hija fetħet kawża ta' separazzjoni kontra

[13] Affidavit ta' Josephine Debattista, maħluf fit-2 ta' Frar 2015, fol 102 et seq
[14] Affidavit ta' John Sacco, maħluf fit-30 ta' Ottubru 2012, fol 96

żewġha fl-ismijiet **Therese sive Marthese Ebejer v. Paul Ebejer**, liema kawża ġiet deċiża mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja[15], nhar is-26 ta' Jannar 2012.[16]

**32.** Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-deċiżjoni tagħha qalet hekk:

> "*….il-partijiet isseparaw de facto meta bejn 2004 u 2005 l-attriċi bdiet tmur għand ommha fejn kienet tqatta' ħafna ħin u eventwalment bdiet torqod hemm, u ma baqgħetx tikkonvivi mal-konvenut, u għall-iskop tal-abbandun il-qorti qed tistabbilixxi d-data tat-30 ta' Ġunju 2005*".

**33.** Fir-rigward tad-dar konjugali f'Ħal Qormi, ġie deċiż mill-qorti li l-konvenut ikollu d-dritt jabita fiha - ad esklużjoni tal-attriċi Therese Ebejer - għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza (u cioe` sas-26 ta' Jannar 2016) u li wara tali data kellu jivvaka mid-dar. Ġie ordnat li d-dar tinbiegħ fuq is-suq ħieles, u li r-rikavat, wara li titnaqqas minnu s-somma ta' Lm2,000/€4,659 bħala kreditu parafernali favur il-konvenut, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Reġistru Elettorali*

**34.** Mill-estratti tar-Reġistru Elettorali[17] li ġew esebiti mix-xhud Emerziana Agius, jirriżulta li fil-pubblikazzjoni ta' Ottubru 2005, April 2006, u Ottubru 2007 il-konvenuta tidher indikata bħala residenti fl-

[15] Imħallef Noel Cuschieri
[16] Kopja tas-sentenza a fol 124 et seq
[17] Dok EA1, fol 82 sa 86

indirizz tad-dar matrimonjali f'Ħal Qormi. Fil-pubblikazzjoni ta' April 2008 pero` bdiet tidher indikata bħala residenti fl-indirizz tal-fond in kwistjoni.

**35.** Emerziana Agius, mill-Uffiċċju Elettorali, fix-xhieda tagħha[18] ikkonfermat illi minn April 2008 sad-data tax-xhieda tagħha, il-konvenuta tidher reġistrata fuq 20, Triq Antonio Agius, Floriana.

*Kontijiet bankarji*

**36.** Mill-istatements tal-kontijiet bankarji tal-HSBC[19] jirriżulta li sas-sena 2007 il-konvenuta kienet tirċevihom fl-indirizz tad-dar matrimonjali f'Ħal Qormi, iżda mis-26 ta' Jannar 2008 bdiet tirċevihom fl-indirizz tad-dar in kwistjoni fil-Furjana.

*Servizz tal-ilma*

**37.** Fir-rigward tas-servizz tal-ilma relattiv għall-post 20, Triq Antonio Agius, Floriana, xehdet Audrey Ellul[20], rappreżentanta tal-Water Services Corportation, prodotta mill-atturi u esebiet Dok AE[21]. Ikkonfermat illi l-konvenuta Therese Ebejer ġiet reġistrata bħala

---

[18] Xiehda ta' Emerenziana Agius, tas-26 ta' Ġunju 2013, fol 89
[19] Kontijiet bankarji, fol 63 et seq
[20] Xiehda ta' Audrey Ellul tas-26 ta' Ġunju 2013, fol 87-88
[21] Dok AE, fol 81

residenti mill-24 ta' Ġunju 2010 u nqatgħet fis-7 ta' Settembru 2011, u mbagħad reġgħet tniżżlet mill-20 ta' Novembru 2011 'il quddiem.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti dwar ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 1521F humhiex sodisfatti, u dwar fuq min kien jinkombi l-piż tal-prova**

**38.** Mill-provi kollha prodotti jirriżulta biċ-ċar illi l-konvenuta sa minn qabel l-2001 kienet tqatta' ħafna ħin ma' ommha: u dan kemm għaliex ommha kienet diġa ferm avvanzata fiż-żmien u b'problemi serji ta' saħħa, kemm għaliex kienu jeżistu problemi matrimonjali bejn il-konvenuta u żewġha, u kif ukoll għaliex il-konvenuta ma għandhiex ulied u għalhekk kellha inqas impenni familjari minn ħutha l-oħra.

**39.** Skont il-provi prodotti f'dawn l-atti, għall-ħabta tal-2001 il-konvenuta u ħutha kienu jitqassmu sabiex jorqdu ma' ommhom matul il-lejl, u mbagħad bdiet torqod hi biss l-iljieli kollha tal-ġimgħa. Fl-atti tas-separazzjoni pero` kienet xehdet li kien fl-2004 li kienet "*bdiet torqod*" m' ommha. Fi kwalunkwe każ, il-fatt innifsu li kienet qegħda torqod l-iljieli kollha tal-ġimgħa ma' ommha (anzjana ta' 'l fuq minn 80 sena) u anke tibqa' sejra għax-xogħol mid-dar ta' ommha ma jfissirx li kienet qegħda "tgħix" ma' ommha fis-sens rikjest taħt l-Artikolu 1531F. Għalkemm iktar ma ommha marret lura f'saħħitha iktar bdiet tiddedika ħin magħha u tkun preżenti fil-fond in kwistjoni, xorta waħda kienet tqatta' ħin fil-fond matrimonjali.

**40.** Jirriżulta pero` li kien fis-sena 2005 li l-konvenuta abbandunat definittivament id-dar matrimonjali. Kontro-eżaminata fil-fatt qalet li "*qabel l-2005*" kienet baqgħet tieħu ħsieb id-dar matrimonjali, iżda imbagħad telqet definittivament minn hemm u, kif xehdet fil-kontro-eżami tagħha stess, ma riditx ikollha x'taqsam iktar "*m'hemm*". Il-Qorti tal-Familja stess, fis-sentenza tagħha, għall-iskop tal-abbandun, stabbiliet id-data tat-30 ta' Ġunju 2005.

**41.** Mid-dokumenti tal-Uffiċċju Elettorali, tal-bank, u tal-Water Services Corporation il-konvenuta bdiet tidher indikata bħala residenti fid-dar in kwistjoni minn April 2008, Jannar 2009 u Ġunju 2010 rispettivament; dan il-fatt sempliċiment jikkonferma li kienet qegħda diġa tgħix permanentement fid-dar in kwistjoni qabel tali dati.

**42.** Għalkemm l-ewwel Qorti rriteniet li l-konvenuta ma kenitx residenti fil-fond in kwistjoni fis-sens li trid il-liġi qabel l-2007, din il-qorti invece, fid-dawl tas-suespost, hija tal-fehma li kien proprju f'xi żmien fl-2005 li hija bdiet tirrisjedi permanentement ma' ommha fis-sens li trid il-liġi.

**43.** Fi kwalunkwe każ, xorta waħda jiġi li m'għamlitx erba' snin residenti ma' ommha fil-post in kwistjoni bejn l-1 ta' Ġunju 2003 u l-1 ta' Ġunju 2008.

**44.** Il-konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell tagħha targumenta illi ladarba huma l-atturi li qed jallegaw illi hija m'għandhiex titolu validu biex tokkupa l-fond in kwistjoni, sta għalihom li jipprovaw din it-teżi tagħhom u mhux għaliha li tipprova l-kuntrarju.

**45.** Iżda hawnhekk ukoll il-konvenuta appellanti m'għandhiex raġun. Kif irriteniet ben tajjeb l-ewwel Qorti, jinkombi fuq il-konvenuta l-piż li ġġib il-prova tat-titolu tagħha, ossia li tipprova li hija intitolata għall-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 1531F ċitat minnha stess.

**<u>Deċide:</u>**

Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata anke jekk mhux għal kollox għall-istess raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza. It-terminu ta' erba' (4) xhur prefiss mill-ewwel Qorti għall-fini tal-iżgumbrament għandu jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-istess konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb